

*“Bħala uffiċjal tal-politika fl-Uffiċċju tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni esterna, naħdem fuq l-implikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima għas-sigurtà. Naħseb li huwa motivanti ħafna li nkun f'kuntatt ma' sħab madwar id-dinja, waqt li nirriflettu dwar kif jistgħu jiġu indirizzati aħjar l interkonnessjonijiet bejn it-tibdil fil-klima, is sigurtà u l-paċi.”*

**Iina Lietzen (il-Finlandja)**
**Uffiċjal tal-Politika**
**Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**



*“Jien kburija li nedejt proġett inkredibbli msejjaħ DiscoverEU, li jagħti opportunità lil dawk li għandhom 18-il sena jirbħu pass tal-ivvjaġġar b'xejn. Ngħaddi l-ġurnata tiegħi nikkollabora ma' żgħażagħ madwar l-Ewropa kollha u nibni komunità ta' vjaġġaturi DiscoverEU. Il-fatt li xogħli għandu impatt fuq iż-żgħażagħ Ewropej hija ta' sodisfazzjon kbir għalija!”*

**Mathieu Orphanides (Ċipru)**
**Maniġer tal-Programm**
**Il-Kummissjoni Ewropea**



*“Naħdem f'ambjent multilingwi b' varjetà kbira ta' kollegi minn sfondi professjonali u kulturali differenti. Il-multilingwiżmu huwa fil-qalba tal-Istituzzjonijiet tal-UE u nħobb naħdem man-nies interessat fl-affarijiet tal-UE, fit-traduzzjoni u fil-multilingwiżmu!”*

**Niamh Mary O'Doherty (l-Irlanda)**
**Editur tal-Lingwa u Qarreja tal-Provi**
**Il-Parlament Ewropew**

eu careers

**Kun af aktar dwar opportunitajiet li se jkun hemm mal-Istituzzjonijiet tal-UE fuq is-sit web tagħna:**

**www.eu-careers.eu**

***Segwina fil-media soċjali:***

**EU Careers**

Publications Office of the European Union ISBN 978-92-95031-32-6 doi:10.2846/5113 OC-07-22-168-EN-C



# *Insawru l-Ewropa flimkien*

*www.eu-careers.eu*



# EPSO - Inqabblu Talent Aspiranti mal-Karrieri fl-UE

Il-missjoni ewlenija tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO, European Personnel Selection Office) għandu jissodisfa il-ħtiġijiet ta' reklutaġġ tal-istituzzjonijiet tal-UE billi jagħżel kandidati b'talent permezz ta' kompetizzjonijiet ġenerali u speċjalizzati. Bħala uffiċċju interistituzzjonali, l-EPSO huwa responsabbli għas-selezzjoni tal-persunal prinċipalment għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, is-servizz għall-Azzjoni Esterna, l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Kull waħda minn dawn l-istituzzjonijiet jirreklutaw persunal minn grupp ta' kandidati magħżula pprovduti mill-EPSO.

## Għaliex għandek tagħżel Karriera mal-UE?

*Jekk inti...*

- ċittadin tal-UE,
- gradwat fi kwalunkwe qasam,
- għandek għarfien tajjeb ta' lingwa waħda tal-UE u int profiċjenti f'
- lingwa oħra tal-UE,
- għandek għal qalbek il-proġett tal-UE,
- temmen fil-valuri tal-UE bħall-paċi, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, u d-drittijiet tal-bniedem,
- trid tgħin biex tagħmel differenza fil-politiki li jaffettwaw miljuni ta' ċittadini tal-UE,
- entużjast li taħdem f' ambjent multikulturali, fejn id-diversità hija assi u kulħadd igawdi opportunitajiet indaqs

*... allura aħna noffrulek* ***opportunità unika.***

## X'noffru?

B'xogħolhom, il-membri tal-persunal tal-UE jsarrfu l-valuri tal-Unjoni Ewropea f'azzjoni, jgħinu fit-tfassil tad-deċiżjonijiet u jwettqu pjanijiet b'impatt wiesa' fuq miljuni ta' ċittadini tal-UE. Fl-istess ħin, l-UE toffri firxa ta' benefiċċji attraenti biex ikunu sodisfatti l-ħtiġijiet personali, finanzjarji u edukattivi tal-persunal tagħha.

- **Xogħol interessanti u ta' sfida**
- **Ambjent tax-xogħol internazzjonali**
- **Kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli**
- **Żvilupp personali tul il-ħajja**
- **Mobbiltà okkupazzjonali interna**
- **Bilanċ tajjeb bejn il-ħajja privata u x-xogħol**
- **Pakkett ta' benefiċċji kompetittivi**
- **Forza tax-xogħol inklużiva u diversa**




## Agħżel il-karriera tiegħek

L-UE toffri impjiegi f'diversi kategoriji tal-persunal: uffiċjali permanenti, persunal kuntrattwali u temporanju, esperti nazzjonali sekondati, trainees u oħrajn. Tista' ssegwi għażliet ta' karriera differenti skont l-aspirazzjonijiet professjonali u l-isfond edukattiv tiegħek. Kemm jekk tidħol fl-istituzzjonijiet tal-UE bi profil "ġenerali" (eż. avukat, ekonomista, gradwat fl-amministrazzjoni pubblika) jew wieħed "speċjalizzat" (eż. xjenzjat, tekniku, uffiċjal finanzjarju, tabib, traduttur), tista' ssegwi perkorsi ta' karriera li jagħmlu l-aħjar użu mill-ħiliet tiegħek u/jew mill-esperjenza ta' xogħol preċedenti tiegħek.

***Possibilitajiet kemm trid***